# Il-Ħwat f'tal-Gruwa

minn Consiglia Azzopardi




Għalkemm ftit li xejn imħarsa, l-inħawi ta' Sannat huma mportanti għas-siti ta' fdalijiet arkeoloġiċi, bħalma huma t-Tempju ta' Marziena, t-Tempju ta' Borġ l-Imramma, l-Kanali tal-Karettuni u d-Dolomiti f'Ta' Ċenċ. Dan kollu jissuġġerixxi li dawn l-inħawi setgħu kienu mgħammra minn Żmien il-Bronż. Is-sejba tal-ġebla ta' Maimunah bejn ix-Xewkija u Sannat hija l-uniku fdal f'Għawdex ta' Żmien l-Għarab. Ma dan kollu nistgħu nżidu sejba nteressanti ta' ħwat maqtugħin fil-blat fuq ir-riħ ta' Mġarr ix-Xini, in-naħa tax-Xewkija kif ukoll in-naħa tal-Gruwa limiti ta' Sannat.

Din is-sistema ta' ħwat tiġi fuq il-pjanura, in-naħa tan-nofs in-nhar tal-wied, biswit il-milqa għall-ilma li hemm fil-qrib, faċċata tal-wied li minn tas-Salvatur fix-Xewkija jaqgħad mal-wied il-kbir. Fil-waqt li l-kanali tal-karrettuni jisabu f'postijiet oħra mxerrdin ma' Għawdex u Malta, dawn il-*ħwat* jew *mejjilli mħaffrin fil-blat* jinsabu biss fl-inħawi ta' Sannat-Xewkija u fuq il-Wied tad-Dwejra f'San Lawrenz. Ftit li xejn huma mgħarufa u ħadd ma jaf bihom ħlief xi nies tar-raba. L-ewwel li kiteb fuqhom kien il-Kavallier L. Zammit Haber, li bħala membru tal-'Ancient Monuments Committee' ressaq rapport fuqhom quddiem il-mużew arkeoloġiku tal-Belt fil-1946.

Dawn il-ħwat huma kurjużi għax għalkemm jinsabu fi gruppi, m'humiex ikkumnikati minn wieħed għall-ieħor, bħal fil-kas ta' salini, imma kull wieħed għandu sistema għalih innifsu. Filwaqt li l-ħwat li jintużaw għall-melħ bħala salini jinsabu fuq art ċatta, dawn il-ħwat huma mħaffrin fuq blat imżerżaq. L-iżjed il-fuq insibu ħawt rektangulari, fond xi sitt pulzieri u dan hu kkumnikat għal ġo ħofra tonda, fonda xi pied. Madwar tlieta mill-kantieri tal-ħawt rektangulari jinsabu tlett ħofriet ta' xi sitt pulzieri wisa u fondi sewwa, donnhom biex jilqgħu fihom xi arblu. Il-fatt li l-ħwat mżerżqin juru li jintużaw għal xi likwidu li joħroġ mill-ħawt u jinġabar fil-ħofra, fejn aktarx li kien ikun maħżun. Billi dawn il-ħwat jinsabu ħdejn ir-raba li jinħadem juru li aktarx kienu wżati għal xi prodott li kien jiġi mkabbar fl-egħlieqi ta' l-inħawi; u aktarx li ġew imħaffrin fuq ir-riħ tal-wied biex jinqdew bl-ilma mill-wied.

Hemm min jaħseb li dawn il-ħwat setgħu kienu jintużaw għal iktar minn ħaġa waħda, fosthom (1) jagħsru l-għeneb biex jipproduċu l-inbid, (2) jagħsru ż-żebbuġ biex jagħmlu ż-żejt, (3) ixarrbu l-qatt tal-kittien biex jagħmlu l-għażel, (4) jiżbgħu l-insiġ u ħwejjeġ mill-pjanti u ħxejjex oħra.

Mhix ħaġa kbira li xi nies għadhom jiftakru kif kien isir l-għasir taż-żejt u tal-għeneb, anke jekk dawn kienu jsiru bit-tgħaffiġ tas-saqajn, imma ftit li xejn nafu fuq kif mill-pjanta tal-kittien joħroġ ħajt tajjeb għall-insiġ. Aktarx li l-pjanta tal-kittien kienet l-eqdem pjanta li minnha l-bniedem beda joħroġ il-ħajt biex jinseġ il-ħwejjeġ. Dan il-kittien kien ilu jiġi pproċessat fil-gżejjer tagħna sa miż- żmien Neolitiku. L-industrija tal-insiġ f'Malta minn dejjem kienet imfaħħra mill-awturi Griegi u Latini li kitbu fuq Malta, u dan l-insiġ kien magħmul mill-ħajt ta' l-għażel qabel ma bdew jagħżlu t-tajjar mill-qoton. Aktarx li dan il-kittien baqa' jikber Malta sal-bidu tas-seklu sittax.

Il-proċess ta' kif jitkabbar u jinħadem il-kittien huwa twil u jitlob ċertu sengħa għax kull pass jeħtieġ li jsir eżatt u f'waqtu. Jinżergħa f'April u jinħasad f'Ottubru / Novembru, l-istess żmien bħal dak tal-qoton, jiġifieri fl-istaġun ix-xott u niexef. Tintefa' ħafna żerriegħa fil-ħamrija li l-aħjar tkun imramla (mhux

taflija) u avolja tkun torba qasira, biex meta tinbet u l-pjanti jikbru, l-wiċċ ikun iffullat u hekk jikber wieqaf kollu flimkien mingħajr ma jinkiser. Ix-xitla titla' dritta, tkun rqiqa, tista' tikber minn pied sa tlett piedi u toħroġ fjura żgħira blu, hekk li meta l-wiċċ tal-kittien iwarrad ikun qisu l-baħar imewweġ maż-żiffa tar-riħ.


*Il-Ħawt tal-Gruwa*

Meta jinxef sewwa u l-fjura ssir żerriegħa, il-kittien jinqala' flok jinħasad, biex isalvaw kemm jistgħu mit-tul taz-zokk fejn ikun hemm maħżun il-ħajt. Wara jsabbtuh (bħalma kienu jsabbtu l-imdaqq fi żmienna biex jagħmluh irbat għaż-żara'). Hekk iż-żerriegħa, li tkun qisa żibeġ ovali suwed, tinġabar għaliha; biċċa jżommuha għaż-żriegħ tas-sena ta' wara, iż-żejda jew jagħsruha u jieħdu ż-żejt tal-kittien minnha jew jagħlfuha lill-bhejjem.

Iz-zkuk tal-kittien jitpoġġew ftit ftit, ċatti fil-ħwat u jħalluh jixxarrab fl-ilma sakemm tirtab il-qoxra tagħhom li tkun iebsa ġmielha. Idumu jqallbuh u jbiddlulu lilma għal madwar sitt ijiem skond kemm tkun iebsa l-qoxra. Il-ħwat li jinsabu f'tal-Gruwa huma tad-daqs preċis biex fih joqgħod jixxarrab il-kittien. Dan il-poċess in-nies kienu jagħmluh il-bogħod minn djarhom għax meta jkun jixxarrab jagħmel riħa tintenn ħafna li ma tissaportihiex. Dan jiġri minħabba ċertu sustanza li toħroġ mill-pjanta, hekk li meta l-ilma jinġabar ġol-ħawt il-fond, dan jinżamm għax ikun tajjeb ħafna biex jiżbgħu l-insiġ jew il-ħajt bih.

Kienu joqgħodu ħafna attenti kemm iħalluh jixxarrab, għaliex jekk jixxarrab iżżejjed jitbeżlaq u s-suf jitħassar; jekk ma jixxarrabx biżżejjed iz-zokk jibqa' iebes biex jitfarrak ħa joħroġ is-suf. Dan il-materjal jintifex, jingħażel u jsir ħajt l-istess bħalma jsir mis-suf tan-nagħaġ jew mit-tajjar tal-qoton. Imbagħad kien jiġi mbajjad u miżbugħ aktarx minn taħlita ta' ħxejjex jew fjuri. Jista' jkun li kienu jiżbgħuh meta kien ikun għadu ħajt jew inkella wara li kien ikun minsuġ. Fl-antik iż-żebgħa kienet issir barra għall-beraħ, fejn kienu jħallu l-miżbugħ għan-nida tal-lejl u għar-rwieħ u x-xemx tal-jum.

Mġarr ix-Xini, ismu miegħu, jfisser port minn fejn kienet titgħabba l-merkanzija minn dawn l-inħawi tal-gżira fuq il-biċċiet tal-baħar biex tiġi esportata għal barra. Min jaf kemm prodotti frott il-għaraq ta' l-antenati tagħna tgħabbew minn dan il-port! U mhux darba u tnejn tgħabbew ukoll in-nies li kienu jkunu jaħdmu fl-egħlieqi u jittieħdu lsiera mill-barbari li kienu jattakkaw il-gżira!

Ftit ġimgħat ilu kien hawn fostna f'Sannat, ċertu Priscilla Fauver Parmenter mill-Amerka, li hi stess hi esperta f'kull qasam ta' nsiġ u għażil. Kull sena tiżra' l-kittien fl-egħlieqi tagħha u hi mħarrġa sew fil-proċess kollu ta' din is-sengħa. Meta morna fuq l-post biex naraw il-ħwat, qablet mill-ewwel li f'dan il-post probabli kien jikber il-kittien u li l-ħwat setgħu kienu jintużaw għat-tixrib tiegħu. Kollox jindika li fil-qedem, f'dawn l-inħawi kien hemm industrija sħiħa bit-tkabbir, l-ipproċessar, u l-esportazzjoni ta' l-għażel.

Għaddew is-snin. Ġenerazzjonijiet ta' nies ġew u marru. Il-ħajja tagħna li noqgħodu f'dawn l-inħawi hi ferm mibdula. Imma n-natura għada l-istess, bl-istess għelieqi, l-istess blat, l-istess ġebel u l-istess ħamrija. Għadu jwarrad l-istess ħaxix u pjanti, imma fost il-fjuri selvaġġi kollha li jiftħu kull sena madwar il-ħwat ma nstabet ebda waħda li tista' tkun dixxendenti mill-kittien. Baqa' biss il-ħwat, jistennew li jiġu mnaddfa u mħarsa, u forsi jiġu mdawwra biex jindikaw siti bħal dawn, li jgħallmuna l-istorja ta' pajjiżna.

Ħajr lil Profs. Maurice Cauchi u martu Agnes li għoġobhom jeħduna naraw dawn il-ħwat, u jispjegawlna t-teoriji kollha li jirriferu għalihom.
L-informazzjoni nġabret minn:
*The Enigmatic Rock-Cut Pans of Mgarr ix-Xini,* minn Carol J. Jaccarini & Maurice N. Cauchi fil-MELITA HISTORICA VOL.XII No 4 (1999), pp419-444.